MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## DOREEN CLARKE

Seduta tat-18 ta' Awwissu, 2015

Numru 1/2015

**Il-Pulizija**

**(Spettur Jonathan Ransley)**

**(Spettur Sylvana Briffa)**

**vs**

**Lawrence Debono**

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra Lawrence Debono detentur tal-karta ta' l-identita' 259876M.

Akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer nhar is-16 ta' Awwissu, 2015 ghall-habta tas-01:30 ta' wara nofsinhar;

1. Ikkommetta attentat vjolenti ghall-pudur fuq il-persuna ta' Omissis liema delitt huwa aggravat minhabba li inqeda bil-kwalita tieghu ta' ufficcjal pubbliku u minhabba li sehh fuq il-persuna li huwa resaq biex jaghti l-ghajjut;
2. U aktar talli fl-istess lok, data u hin bhala ufficjal jew impjegat pubbliku sar hati ta' reat li huwa kellu jissorvelja li ma' jsirx jew li minhabba l-kariga tieghu huwa kellu d-dmir li jimpedixxi.

Il-Qorti, giet mitluba sabiex jekk jidhrilha xieraq tipprovdi ghas-sigurta ta' l-imsemmija Omissis u l-familja taghha u minn issa tapplika l-provedimenti tal-Artikoli 412C tal-Kodici Kriminali u taghmel Ordni ta' Protezzjoni taht dawk il-kawtieli li din il-Qorti jidhrilha li huma xierqa.

F'kaz ta' htija l-Qorti giet mitluba sabiex tipprovdi ghas-sigurta ta' Omissis u l-familja taghha ai termini tal-Artikoli 383 et seq tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-artikoli 141, 202 u 207 tal-Kapitolu  9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet miguba kontra tieghu.

Rat id-dokumenti esebieti.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni min-naha n-natura tar-reati li taghhom qed jinstab hati l-imputat u min-naha l-ohra l-koperazzjoni tieghu mal-pulizija, l-ammissjoni f'l-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri u l-fedina penali netta tieghu. Hadet in konsiderazzjoni ukoll l-fatt li l-parte leza accettat l-apologija ta'l-imputat u ma kienet qed tippretendi xejn aktar minn dawn il-proceduri. In oltre il-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-fatt li jkun aktar opportun li l-imputat jiehu kwalunkwe kura li ghandu bzonn u jibqa taht is-sorveljanza tal-Qorti ghal perjodu ta' zmien.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, wara li rat l-artikoli 141, 202 u 207 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati ta'l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u b'applikazzjoni ta'l-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tpoggih taht ordni ta' probation ghal perjodu ta' sentejn bil-kundizzjonijiet elenkati f'l-ordni mghoti kontestwalment.

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza u x'jigri jekk jikkommetti reat iehor u jekk ma joqghodx ghall-ordnijiet lilu mghotija.

Il-Qorti qed tordna notifika ta' din is-sentenza lid-Direttur ta'l-ufficju tal-Probation; in oltre qed tordna d-divjet mill-publikazzjoni ta' isem il-parte leza f'kwalunkwe mezz ta' kommunikazzjoni u/jew stampa.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------